# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 63/19/1**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Pia Zammit u Emanuel Delia f'isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-atturi minn digriet [id-digriet appellat] moghti fit-22 ta' Mejju 2019 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz tieghu dik il-Qorti ddecidiet hekk:

> "In kwantu għal interim measure, la darba l-Qorti fis-sentenza preliminari sabet li r-rirkorrenti ma għandhomx il-jedd biex iressqu l-azzjoni kif impostata minnhom a bażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-interess meħtieġ taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif traspost fil-Kap. 319, ma jistgħux jitolbu u jingħataw ebda interim measures. Huma biss liġijiet speċifiċi oħra li jagħtu dan id-dritt lil Qorti li tagħhti dawn il-miżuri. Il-Kodiċi tal-Proċedura ma jagħtix dan il-jedd ġeneriku ta' interim measure".

## Il-Fatti

2. Il-fatti relevanti kif jirrizultaw mir-rikors tal-appell huma dawn:

> "Ir-rikorrenti, f'isem s-socjeta civili Repubblika, intavolaw din il-kawza jitolbu biex il-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1) Tordna immedjatament lill-intimati jieqfu jinnominaw, pendenti din il-kawza, aktar Membri ghall-Bank tal-Gudikatura, sija bhala Magistrati u sija bhala Imhallfin; 2) Tiddikjara u tiddeciedi illi bis-sistema ezistenti ta' hatriet fil-gudikatura, Malta qed tikser I-obbligi taghha taht il-provedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar I-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; 3) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-hatriet ghall-Bank tal-Gudikatura sija fil-Qorti tal- Magistrati kif ukoll fil-Qrati Superjuri minghajr l-implimentazzjoni tar-Rakkomondazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja huma bi ksur tal-Artiklu 19(1) tat-Trattat dwar I-Unjoni Ewropea u l-Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikli 1(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; 4) Tiddikjara u tiddeciedi li kull nomina ghall-Bank tal-Gudikatura bis-sistema ezistenti u pendenti dawn il-proceduri f'din il-kawza hija abbuziva, illegali u nulla u bla effett; 5) Tordna fil-mertu lill-intimati ma jinnominawx aktar Magistati u Imhallfln jekk mhux skond ir-Rakkomondazzjonijiet tar-Rapport tal-Kummissjoni Venezja kif ukoll skont il- provvedimenti kongunti tat-tieni sub-paragrafu ta' Artiklu 19(1) tatTrattat dwar l-Unjoni Ewropea u Artiklu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll illi l-istess sistema qed tikser il-provvedimenti ta' Artiklu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Artikli 1(1) u 39(2) tal- Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> "Illi r-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw din il-kawza, peress li l-intimati injoraw il-protest gudizzjarju li r-rikorrenti kienu ipprezentaw fit-12 t'April 2019 fuq l-istess mertu u sa dakinhar stess li giet intavolata l-kawza l-intimati kienu habbru li kienu ser jibqghu ghaddejjin b'hatriet ghall-Bank tal-Gudikatura b'sistema li tikser id-drittijiet tar-rikorrenti sija taht il-Kostituzzjoni ta' Malta, sija taht il-Konvenzjoni Ewropea u sija taht it-Trattat dwar-Unjoni Ewropea;".

L-Appell

3. L-atturi jsejjsu l-appell taghhom fuq zewg aggravji: [1] li talba taghhom ghall-ghoti ta' *interim measures* ma saritx biss abbazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] izda saret ukoll abbazi tal-gurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea [il-Qorti Ewropea] u, [2] li huwa ritenut fil-gurisprudenza tal-istess Qorti li mhux mehtieg illi l-kodici procedurali nazzjonali jaghti jedd generiku fil-forma ta' *interim measures* sabiex il-qrati nazzjonali jaddottaw dawn il-mizuri kawtelatorji pendenti l-proceduri li jkunu quddiemhom, bil-ghan li jinghata effett shih u immedjat ghall-ligi Ewropea, u dan anke fil-kazijiet fejn il-ligi nazzjonali ma tippermettix li jinhargu mizuri *interim*.

4. Abbazi tal-premess l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka d-digriet appellat in kwantu giet michuda t-talba tal-attur ghall-hrug ta' interim measures u minflok, taghti tali mizuri kif rikjest minnhom.

5. Min-naha taghhom il-konvenuti pprezentaw risposta u ghar-ragunijiet indikati minnhom fl-istess risposta qed jitolbu li l-appell tal-atturi jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

L-Aggravji

6. Peress li dawn l-aggravji huma intimament konnessi ser jigu trattati flimkien. L-atturi jfissru hekk l-aggravji taghhom:

> "Illi fil-ġurisprudenza Ewropea huwa ben stabbilit il-principju ta' effettivita' (*principle of effectiveness*) li jfisser illi għandu jingħata effett sħiħ lil-liġi Ewropea fl-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li kull persuna jkollha protezzjoni ġuridika effettiva meta tilmenta minn ksur ta' drittijiet mogħtija lilha mil-liġi Ewropea; għaldaqstant huwa evidenti li biex jingħata effett sħiħ, immedjat u reali għal-liġi Ewropea skont il-*principle of effectiveness*, l-*interim measures* huma għodda li ma jistgħux jiġu injorati sempliċement għaliex il-Kodiċi ta' Proċedura ma jipprovdix għal dan;
>
> "Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li **l-qorti nazzjonali m'għandha bżonn l-ebda liġi**, la nazzjonali u lanqas Ewropea, sabiex timponi *interim measures* biex tiżgura li l-liġi Ewropea, li *prima facie* tkun qed tiġi miksura, tiġi applikata b'mod effettiv u immedjatement, *multo magis* meta hawn si tratta tal-liġi primarja tal-Unjoni Ewropea. Tant hu hekk illi, li kieku għall-grazzja tal-argument, kienet testizti liġi nazzjonali li timpedixxi li din l-Onorabbli Qorti milli tordna *interim measures* sabiex tagħti effett immedjat lil-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-liġi nazzjonali għandha tiġi skartata, mwarrba u l-qorti nazzjonali tgħaddi biex tordna *interim measures* irrispettivament mil-liġi nazzjonali li tkun timpediha milli tagħmel dan. Aktar u aktar mela, meta f'Malta m'għandna l-ebda liġi li timpedixxi lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna *interim mesaures*. F'każ bħal dan, fejn m'hemmx liġi nazzjonali li tipprovdi għal *interim mesures* sabiex jingħata effett immedjat għal-liġi Ewropea, **għandha tkun il-Qorti nazzjonali li tieħu dak il-poter f'idejha biex tara li dan l-effett jingħata kemm jista jkun malajr**".

7. Imbaghad, wara li jaghmlu referenza ghal u jiccitaw kazijiet tal-Qorti Ewropea in sostenn tal-konsiderazzjonijiet premessi, jaghmlu referenza ghall-kaz Commission v Poland [Case c-432/05]u jissottomettu:

> "Illi inoltre, anki fil-każ attwali pendenti *Commission v Poland,* **il-QĠUE ukoll ordnat *interim measures* u waqqfet lill-Polonja milli tkompli timplimenta r-riforma tal-ġudikatura sakemm tinqata' l-kawża**

> **quddiem il-QĠUE.** F'dan il-każ si tratta ta' azzjoni diretta permezz ta' proċedura ta' infrazzjoni u huwa għalhekk li l-*interim measures* ingħataw mill-QĠUE. Iżda xejn ma jżomm lill-qorti nazzjonali milli tagħmel l-istess.
>
> "Illi, fil-fatt, il-Qorti Suprema tal-Polonja għamlet proprju dan meta ordnat *interim mesaures* sabiex jitwaqqaf l-effett tal-liġi Polakka li tat lill-President tar-Repubblika ta' dak il-pajjiż id-diskrezzjoni li jestendi l-mandat tal-imħallfin li jkunu ntlaqtu mil-liġi dwar it-tnaqqis tal-eta' tal-irtirar;
>
> "Illi **jekk** kemm-il darba il-Qorti għandha dubju dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' effettivita' u dwar il-ġurisprudenza Ewropea dwar din il-materja, allura il-qorti tista' tirreferi din il-mistoqsija dwar jekk hix meħtieġa tordna *interim measures* lill-Qorti Ewropea għal *preliminary ruling* b'mistoqsija apposita"

8. Min-naha taghhom il-konvenuti jissottomettu li, id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad it-talba ghall-ghoti tal-*interim measure* rikjesta mill-atturi, kienet konsegwenza ta' dak deciz minnha li l-atturi ma kellhomx il-jedd u l-interess mehtieg biex jippromwovi l-azzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali proposta minnhom. Barra minnhekk jissenjalaw li mhux minnu li l-ligi procedurali nazzjonali ma tipprovdix ghall-ghoti ta' mizuri kawtelatorji biex tipprevjeni ksur irrimedjabbli ta' dritt, pendenti l-proceduri u ghalhekk ma hemmx bzonn li l-qrati nazzjonali jaddottaw il-mizura kontemplata fil-gurisprudenza ewropea. Jghidu wkoll li l-ligi tal-Unjoni Ewropea ma tipprovdix ghal hatriet ta' membri tal-gudikatura u dan stante li tali hatriet jaqghu fil-kompetenza tal-Istati Membri.

9. Huma komplew ifissru hekk l-oggezzjonijiet taghhom:

> "Illi minn ezami tar-rikors tal-appell ma jidhirx li l-appellanti qeghdin jikkontestaw ic-cahda ghall-ghoti ta' mizuri provvizorji fil-kuntest ta' azzjoni kostituzzjonali izda kemm l-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni

aggravju huma fis-sens li t-talba ghall-mizuta provvizorja sabiex jinghata effett shih u immedjat ghal ligi Ewropeja u li tali mizuri ghandhom jinghataw anke jekk il-ligi nazzjonali ma tipprovdix ghal tali mizuri. Fil-fehma tal-esponenti, il-mod kif huma redatti l-aggravji, l-appellanti mhumiex qeghdin jappellaw minn dik il-parti tad-Digriet fejn gew michuda l-ghoti ta' mizuri provvizorji f'kuntest ta' kawza kostituzzjonali izda l-aggravji jikkoncernaw l-ghoti ta' mizuri provvizorji fil-kuntest ta' kawza bazata fuq ligi Ewropeja. Illi ghalhekk, jidher li dik il-parti tad-Digriet fejn l-Ewwel Qorti cahdet l-ghoti ta' mizuri provvizorji stante li l-appellanti ma ghandhomx l-interess guridiku necessarju sabiex jintavolaw azzjoni kostituzzjonali ghadda in gudikat.

"Illi l-appellanti jiccitaw bran mid-Digriet fejn l-Ewwel Qorti osservat li "*Huma biss ligijiet specifici ohra li jaghtu dan id-dritt lil Qorti li taghti dawn il-mizuri. Il-Kodici ta' Procedura ma jaghtix dan il-jedd generiku ta' interim measure*" u abbazi ta' dan il-bran mid-Digriet jibnu l-aggravji taghhom. L-esponenti jirrileva li kif diga` gie sottomess f'dina r-Risposta, l-ghoti ta' *interim measures* fil-kuntest ta' kawza kostituzzjonali ma jirrizultax minn disposizzjoni partikolari u li kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti enfasizzat il-fatt li huwa biss fil-kuntest ta' kawza kostituzzjonali li jinhargu *interim measures*. Illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet ukoll li strettament jedd generiku ta' *interim measure* ma jezistix fil-ligi procedurali nostrana madanakollu l-fatt li dawn ma jezistux allura individwuma ghandux mezz procedurali sabiex jikkawttela dritt pretiz minnu. Illi l-Kodici Organizzazzjoni u Procedura Civili tahseb ghall-hrug ta' atti kawtelatorji sabiex pendenti l-ezitu ta' kawza istitwita quddiem il-Qrati nostrana, persuna li tissodisfa tal-inqas fuq bazi prima facie li ghandha dritt liema dritt jista' jkun pregudikat fl-assenza tal-hrug tal-mandat kawtelatorju, tissalvagwardja d-drittijiet pretizi minnha. Illi altru li l-ligi procedurali tipprovdi mezzi xierqa u effettivi ta' natura kawtelatorja li jistghu jintuzaw mill-appellanti. Illi anke f'kuntest ta' kawza kostituzzjonali tali mezzi xorta wahda jistghu jintalbu minghajr il-htiega li jintalab il-hrug ta' *interim measure* u dan stante li d-disposizzjonijiet tal-ligi procedurali tipprovdi specifikatament ghal tali mizuri kawtelatorji, a differenza ghall-hrug ta' *interim measures*. Fil-fehma tal-esponenti, l-ghan tal-appellanti kien li jwaqqfu b'mod immedjat il-hatra ta' membi tal-gudikatura, liema talba setghet issir tramite talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Qrati nostrana johorgu ordni biex iwaqqfu tal-hatriet u dan dejjem jekk l-elementi ghall-hrug ta' tali mandate kawtelatorju jigu sodisfatti".

"Illi l-appellanti jaghmlu riferenza ghal-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja sabiex isostnu t-tezi taghhom. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li l-punt krucjali huwa li l-appellanti mkien ma jindikaw liema provvediment tal-ligi tal-Unjoni Ewropeja qieghed jintuza mill-Gvern sabiex jigu appuntati membri tal-gudikatura. Illi huwa ovvju li l-appellanti ma jindikawx tali provvediment u dan stante li l-ligi tal-Unjoni Ewropeja ma tipprovdix ghal tali hatriet stante li dina l-kwistjoni taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. Minkejja li l-appellanti jinvokaw l-Artikolu 19(1) tat-Trattat madanakollu dana l-artikolu ma

jahsibx ghal dritt li huwa enforzabbli minn individwi. Ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 47 tal-Karta, l-esponenti jissottomettu li l-Karta tapplika biss meta Stat Membru jkun qieghed jimplimenta ligi Ewropeja. Illi dina l-limitazzjoni fl-applikazzjoni tal-Karta tinstab konfermata f'numru ta' decizjonijiettal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja".

…………..omissis …………..

"Illi ghal dak li jirrigwarda d-decizjonijiet citati mill-appellanti, l-esponenti jissottometti li dawn id-decizjonijiet huma kollha decizjonijniet preliminary moghtija mill-Qorti tal-Gustizzja li kienu jikkoncernaw azzjonijiet fejn parti kienet qieghdha titlob l-infurzar ta' drittijiet specifici konferiti mill-ligi Ewropeja kontra l-parti l-ohra fil-kawza. Gialadarba li l-appellanti ma jinvokaw l-ebda drittijiet enforzabbli jsegwi li dawn id-decizjonijiet mhumiex relebanti ghall-kawza odjerna. Illi aktar minn hekk, bhal f'kull decizjoni f'referenza preliminary, id-dicita tal-Qorti tal-Gustizzja ma tistax tittiehed barra mill-kuntest, kif qeghdin jaghmlu l-appellanti, li tkun inghatat izda trid titpogga fil-kuntest fattwali tal-kawza partikolari".

…………….. omissis …………………..

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-proceduri ta' infrazzjoni kontra l-Polonja (C-619/18), il-fatt li l-Qorti tal-Gustizzja ordnat il-hrug ta' interim relief kontra l-Polonja bl-ebda mod ma huwa relevanti ghall-vertenza odjerna u dan stante li tina tikkostitwixxi prattika konsistenti li taddota l-Qorti tal-Gustizzja f'azzjonijiet diretti fejn il-kaz ma jkunx jikkoncerna merament sentenza dikjaratorja ta' infrazzjoni minn Stat Membru izda fejn l-azzjoni tkun wahda ta' prevezjoni li ssir xi haga imminenti. Huwa l-Artikolu 279 tat-Trattat li jipprovdi illi "*The Court of Justice of the European Union may in any cases before it prescribe any necessary interim measures*" u ghalhekk il-Kummissjoni Ewropeja dejjem titlon lil Qorti tal-Gustizzja u din tal-ahhar tohrog tali *interim relief*. Ghaldaqstant, il-fatt li l-Kumissjoni tablet il-hrug ta' interim relief liema interim relief inhareg mill-Qorti tal-Gustizzja ma jikkostitwix precedent li jorbot lill-Qrati nazzjonali li jkunu qeghdin jiddeciedu fuq kwistjonijiet dwar hatriet ta' gudikanti. Fil-kaz tal-Polonja, l-emendi fil-ligi li xprunaw l-proceduri ta' infrazzjoni setghu facilment jigu sospizi fl-applikazzjoni taghhom fil-mument li l-Kummissjoni istitwiet il-proceduri ta' infrazzjoni, sabiex ma jaffettwawx il-pozizzjoni ta' imhallfin ezistenti filwaqt li l-Gvern Pollakk kellu jiddesisti milli jahtar imhallfin godda taht dawn l-emendi; u ghalhekk kien pass logiku ghall-Qorti tal-Gustizzja li jawtorizza l-hrug ta' interim relief kif rikjest mill-Kummissjoni u jissospendi l-applikazzjoni tal-emendi fil-ligi pendenti l-ezitu tal-proceduri ta' infrazzjoni".

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

10. Jingħad qabel xejn illi tassew illi fejn liġi nazzjonali hija inkompatibbli mal-liġi ewropea, hija l-liġi ewropea li għandha tegħleb, u l-liġi nazzjonali ma għandhiex tingħata effett.

11. Madankollu, il-fatt li tiġi invokata l-liġi ewropea ma jfissirx illi għandu awtomatikament jitwarrab il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jekk ma tintweriex inkompatibilità, biex jieħdu postu regoli ta' proċedura ivvintati *ad hoc*. Dan ma huwiex "formaliżmu żejjed", kif isejħulu l-atturi; huwa mezz kif titħares iċ-ċertezza u l-prevedibilità tal-liġi minflok l-anarkija proċedurali.

12. Ma huwiex għal kollox korrett dak li qalet l-ewwel qorti illi "l-Kodiċi ta' Proċedura ma jagħtix … jedd ġeneriku ta' *interim measures*". Il-liġi domestika taħseb għal *interim measures*: insejħulhom mandati kawtelatorji, u, ladarba hemm proċedura speċifika li tirregola dawn il-mandati li ma ntweriex li hija inkompatibbli mal-liġi ewropea, l-atturi kellhom jinqdew b'dik il-proċedura u mhux jippretendu li tinħoloq proċedura speċjali għalihom.

13. Fil-każ tallum dak li riedu l-atturi bħala *interim measure* huwa li jwaqqfu lill-gvern milli jaħtar imħallfin jew maġistrati ġodda sakemm tinqata' l-kawża; din hija ħaġa li jaħseb għaliha l-mandat ta' inibizzjoni, u

ma kien hemm xejn li jżomm lill-atturi milli jfittxu dak ir-rimedju, ukoll jekk jippreferixxu jsejħulu *interim measure* flok mandat kawtelatorju.

14. Safejn, *ut res magis valeat quam pereat* u b'interpretazzjoni ġeneruża, l-atturi jistgħu jitqiesu li dak li talbu kien mandat ta' inibizzjoni – għalkemm il-qorti tagħmilha ċara li ma hijiex qiegħda tinkoraġġixxi inizjattivi "oriġinali" fejn hemm liġi ċara u ċerta li tirregola l-materja – il-qorti tosserva qabel xejn illi dak li l-atturi xtaqu jżommu milli jseħħ issa effettivament seħħ, u għalhekk il-kwistjoni hija x'aktarx akkademika. Madankollu, billi xorta għad jistgħu jinħatru ġudikanti oħrajn sakemm tinqata' l-kawża, il-qorti hija tal-fehma illi xorta għandha tqis dan l-appell.

15. Il-qorti tosserva illi tagħraf illi l-liġi ma hijiex statika u illi, wkoll mingħajr bidla fil-liġi statutorja, dak li kien tajjeb u validu fl-imgħoddi mhux bilfors jibqa' tajjeb u validu llum. Fi kliem ieħor, il-fatt li imħallfin u maġistrati dejjem hekk inħatru fl-imgħoddi, u ma kien hemm xejn ħażin li sar hekk, ma jfissirx bilfors li llum dan il-metodu ta' ħatra għadu sodisfaċenti. Dan qiegħed jingħad partikolarment – għalkemm għal kollox mingħajr ma l-qorti b'xi mod tippreġudika l-kwistjoni – fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni ta' Venezja.

16. Dan il-prinċipju, magħruf bħala dak ta' *living instrument*, iżda għandu jitħaddem b'diskrezzjoni u moderazzjoni, biex jiġi evitat li l-organu

ġudizzjarju jużurpa funzjonijiet li huma tal-leġislatura, u hekk jinħoloq element ta' *deficit* demokratiku, aktar u aktar meta tintalab miżura kawtelatorja li, min-natura tal-affarijiet, tingħata mingħajr skrutinju sħiħ u approfondit tal-materja u fuq riżultanzi *prima facie*.

17. Meta tqis illi s-sistema ta' ħatra ilu jitħaddem u, kollox ma' kollox, tħaddem sew, diffiċli tasal biex tgħid illi, bla ma sar ebda tibdil drastiku fih – u, anzi, fejn it-tibdil li sar fl-2016 huwa ġeneralment magħruf bħala tibdil għall-aħjar – f'daqqa waħda issa sar ħażin tant li s-sitwazzjoni teħtieġ soluzzjoni hekk drastika bħal ma kien ikun il-ħruġ ta' mandat ta' inibiżżjoni mingħajr skrutinju seren u approfondit f'ċirkostanzi bħal dawk tallum.

18. Għandu jingħad ukoll illi s-sitwazzjoni fil-każ tallum hija ferm differenti minn dik li wasslet biex jingħataw rimedji interlokutorji fil-każ tal-Kummissjoni kontra l-Polonja. Fil-każ tal-Polonja l-miżuri interlokutorji kienu maħsuba biex iżommu lill-Gvern Pollakk milli effettivament ikeċċi imħallfin – bi ksur tal-prinċipju tas-sikurezza tal-ħatra – biex jaħtar oħrajn flokhom. Din ċertament kienet bidla drastika li ma hemm xejn bħalha fil-każ tallum, fejn il-metodu ta' ħatra huwa – safejn relevanti għall-għanijiet tal-kawża – l-istess bħal dak ta' qabel u anzi b'tibdiliet li ma huwiex kontestat li, għallinqas, ma jagħmluhx agħar.

19. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi fil-każ tallum ma kien meħtieġ ebda rimedju interlokutorju bħal dak mitlub mill-atturi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb